**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**LAQGĦA NUMRU WIEĦED U ERBGĦIN**

**23 ta' Settembru 2013**

Il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia, l-Viċi Chairperson Maria Schembri u l-membri Joseph D'Amato, Annetto Bugeja u Joseph Caruana.

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ppresjeda l-laqgħa.

**41.1** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

41 .1.1 Fir-rigward ta' punt 40.1.1 hemm bżonn li issa wara li saret it-*traffic island* fi Triq G M Callus, din tiġi miżbuha ħamra u jsiru tabelli *lighlighted* biex tidher.

Kien hemm qbil fuq dan.

Fir-rigward tal-punt tal-għargħar fi Vjal l-Indipendenza, l-Perit Lewis offra soluzzjoni ta' *bore holes* fit-triq.
Kien hemm qbil li ssir l-ordni għax-xogħol.

41.1.2 Fir-rigward ta' punt 40.1.3 t-tabelli '*no entry for heavy vehicles except to render a servivce'* fi Triq in-Nigret twaħħlu.

41.1.3 Fir-rigward ta' punt 40.1.4 is-siġra minn Triq Nardu Sacco tneħħiet u tneħħa ukoll il-materjal. Issa li

jonqos hu l-patching ta' fuqha.

41.1.4 Fir-rigward ta' punt 40.3.3 il-proċess biex jingħata wiċċ ġdid tal-parti ta' Triq it-Torri beda.
Kien hemm qbil li jekk is-servizzi tal-ilma, jkunu jridu jiġu mħalsa mil-Kumitat Amministrattiv, dan għandu jsir u ma noqgħodux nistennew seduta.

41.1.6 Fir-rigward ta' punt 40.3.3 is-Sur Annetto Bugeja qal li sid il-palazz f'Bubaqra ma aċċettax li jitwaħħal bank viċin il-palazz.

It-tabella ta' Triq iż-Żiju u Sqaq Ballott ġiet irranġata.

L-isqaq fi Triq it-Torri tnaddaf.

41.1.7 Fir-rigward ta' punt 40.3.4 il-ħofra fil-bankina ta' Triq it-Tin ġiet irranġata.

41.1.8 Fir-rigward ta' punt 40.3.5 il-membru Joseph Caruana rrimarka li l-marki tat-toroq għadhom ma sarux għalkemm ilhom ordnati u d-dawl fi Triq Ħal Far għadu ma sarx għalkemm il-Kumitat Amministrattiv waħħal il-lampi.

Fir-rigward ta' wiċċ ġdid lill-parti ta' Triq ta'Ciantar, il-Perit Lewis għamel stima ta' €11,315.73. Kien hemm qbil li ssir l-ordni biex jinbeda l-proċess ta' għoti ta' wiċċ ġdid.

4.1.9 Il-Minuti tas-seduta numru 40 ġew approvati.

***41.2 Komunikazzjoni miċ-Chairperson***

41.2.1 Inġibdet l-attenzjoni li hemm bżonn li jsiru żewġ tabelli tal-iskart – waħda f'Misraħ Santa Marija u l-oħra fi Triq Santa Marija. Kien hemm qbil li ssir l-installazzjoni tagħhom.

41.2.2 Il-membru Joseph D'Amato ġibed l-attenzjoni biex il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra jikteb lil Transport Malta biex jara xi żviluppi hemm biex isir wiċċ ġdid fi Triq Fra Gan Marie Zammit.

Kien hemm qbil fuq dan.

Kien hemm qbil ukoll li t-Tender 'FGZ670113

Construction of a recreational area at Triq Fra Gan Marie Zammit’ tkun ikkanċellata minħabba li tali xogħol qed jintalab mit-TM.

41.2.3 Fir-rigward tal-ilment ta’ persuna li għandha bżonn 1.5m bay safra quddiem ir-residenza tagħha, minħabba mard fil-familja, kien hemm qbil li fuq każijiet simili jintalab ċertifikat tat-tabib.

***41.3 Attivita’ Kulturali (28 ta’ Settembru 2013)***

41 .3.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia rringrazzja lill-membri mis-Soċjeta’ Mużikali Santa Katarina li kienu preżenti għas-seduta u lis-Sur Debono li jirrappreżenta lill-Classic Cars Ford Malta.

Il-membru Annetto Bugeja spjega l-attivita’ kulturali kif ser tkun imqassma:
Ser tittella' Wirja ta' għodod antiki tal-biedja f’Misraħ Santa Marija mis-sitta ta' filgħaxija 'il quddiem. L-għodda tal-biedja taż-żmien l-imgħoddi, li m'għadx isir użu minnha mill-bidwi tal-lum u li ġiet merfugħha b'għożża w attenzjoni minn familjari tal-istess bdiewa, se tkun esposta għall-pubbliku f'din il-wirja esklussiva li qatt ma ġiet imtella' fin-naħa t’isfel tal-Gzejjer Maltin.
Ringrazzjament speċjali jmur għall-parteċipanti li ogħġobhom joffru din l-għodda tal-biedja, li minn ġenerazzjoni għal oħra ta' qabilhom baqgħu jintużaw fix-xogħol u fit-tbatija tal-ħidma fl-għelieqi tagħhom.
Kull tip t'għodda w oġġetti esposti f'din il-wirja se jkollu ismu muri għal dawk preżenti.
Fil-palazz tas-sittax il-seklu li jiddomina l-istess pjazza fejn se tiġi mtella' din il-wirja, se tintwera wirja nteressanti ta' fotografija ta' żmien ta' qabel bil-kollaborazzjoni tal-aħwa Sammut Ġorġ u Ġużi.
F'din l-attivita' se jieħdu sehem ukoll Classic Cars Ford Malta li ogħġobhom jagħtu l-kontribut tagħhom għad-dilettanti billi se jkollhom esposti numru kbir ta' vetturi ta' l-epoka. Din il-wirja ser tkun fi Triq Bubaqra minnflok fi Triq ir-Rettur ħalli tkun iktar milħuqa minn dawk li jżuru l-attivita’.
Fil-pjazza wkoll tul l-attivita' kollha dawk li jattendu se jkunu jistgħu jagħmlu użu minn stands li joffru għażla sabiħa ta' ikel tipiku ġenwin tradizzjonali Malti fosthom għasel, qubbajt, ħelu u ġelat, tal-inbid lokali, tal-ħaxix u l-frott u tal-ganutell joffru l-prodotti tagħhom. Matul il-lejla jkun hemm ukoll mużika ta' kant tal-imgħoddi w għana minn live band.

Ser ikun hemm ukoll pony rides.

Ġew ordnati żewġ *mobile toilets* u saru l-avviżi fil-

ħwienet tal-lokal. Ġiet avviċinata l-media u kien hemm stedina lill-Onorevoli Herrera, Onorevoli Galdes u lill-Onorevoli Aguis.

Ser jitpoġġew barriers biex jingħalqu t-toroq u ġie ordnat is-servizz tal-*wardens*.

Ser ikun hemm ikel malti li ser isir mis-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina fosthom ravjul, braġjoli, torti tal-lampuki, ftajjar u te u kafe'. Xiri ta' xorb isir mil-ħanut li hemm fil-Misraħ.

Id-dwal ser jieħdu ħsiebhom is-Soċjeta Mużikali Santa Katarina – ser isir fustun mad-dawra tal-Misraħ. Ser jintalab is-servizz tas-St John Ambulance Brigade. Fir-rigward tat-tindif – il-kuntrattur Gaetano Galea ser ipoġġi konteinituri kbar fil-misraħ u wara l-attivita' ser inaddaf.

41.3.2 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia rringrazzja lil dawk preżenti mill-għaqdiet u wara dan l-item fuq l-aġenda ħarġu mill-kamra.

### *41.4 Ilmenti u Suġġerimenti*

41.4.1 Il-membru Joseph Caruana qal li jekk sa din il-ġimgħa ix-xogħol ta' *refresh* ta' sinjali tat-toroq u l-*patching* fi Triq Ħal Far ma jsirx, jissuġġerixxi li ma jsir xejn. Dan kollu kemm minħabba l-attivita' u kemm minħabba x-xita.

Il-membru Joseph Caruana talab biex il-Kumitat Amministrattiv jibda jaħseb fuq it-tiżjien tal-Milied. Kien hemm qbil li minflok jiżdied it-tiżjien, għal din is-sena n-nefqa tkun fuq mekkaniżmu biex iż-żewġ ornamenti (qniepen) jkunu jiċċaqilqu.
Kien hemm qbil li ssir l-ordni għax-xogħol.

Il-membru Joseph Caruana talab biex titneħħa *yellow bay* safra li hemm fil-Misraħ Santa Marija minħabba li r-resident li kellu użu għalija miet. Kien hemm qbil fuq dan.

41.4.2 Il-membru Annetto Bugeja qal li sid l-għalqa ta' fejn hemm il-*Bring in Site* fi Triq Kalanġ Buġeja jrid li tali sit jitneħħa minħabba li n-nies qed jitfgħu l-iskart fl-għalqa tiegħu.

Il-Viċi Chairperson Maria Schembri qalet li anke hi tkellmet ma xi residenti li jinsabu urtati għal mod kif qed jintużaw il-*bring in sites*.

Kien hemm qbil li jkun avżat il-kuntrattur biex inaddaf, imma ma instabx post alternattiv għal tali Bring in Site. Kien hemm qbil ukoll li tinġieb stima ta' CCTV u titressaq f'seduta oħra.

41.4.3 Il-membru Annetto Bugeja qal li kellu suġġeriment biex Triq it-Torri, mil-Misraħ sa Triq l-Imtali ssir *one way.*
Ma kien hemm qbil fuq dan.

41.4.4 Il-membru Joseph D'Amato rrefera għall-email li l-Kumitat Amministrattiv irċieva mingħand resident mill-Kumpless Sant Agatha fi Vjal l-Indipendenza. Dan qed jirreferi għal żewġ ilmenti – bżonn ta' skip u CCTV fil-kumpless minħabba l-iskart u parkeġġ projbit quddiem l-entratura tal-kumpless.

Kien hemm qbil li tinkiteb ittra lil-sid il-kumpless – s-Sur Mawrizio Baldacchino biex jonora l-ftehim li kellu mal-Kunsill li jinstalla skip u CCTV fil-kumpless.

Fir-rigward tal-parkeġġ isir rapport lill-pulizija.

***41.5 Appuntament għas-Seduta li jmiss***

41.5.1 Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar it-Tnejn 28 ta' Ottubru, 2013 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa intemmet b'dan il-punt fuq l-aġenda fis-7.35 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum ___ ta' Ottubru, 2013.

Pierre Farrugia
**Chairperson**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**